31992R0478

L 55/2 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 29.2.1992

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 478/92
ta' l-25 ta' Frar 1992
li jiftaħ kwota annwali tat-tariffa Komunitarja għall-ikel tal-klieb jew tal-qtates, imqiegħed għall-bejgħ bl-imnut u li jidħol fil-kodiċi NM 2309 10 11 u kwota annwali tat-tariffa Komunitarja għall-ikel tal-ħut li jidħol taħt kodiċi NM ex 2309 90 41, li joriġina fil-Gżejjer Faroe u jkun ġej minnhom

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi bid-Deċiżjoni 91/668/KEE [1] ġie approvat Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern lokali tal-Gżejjer Faeroe;

Billi dan il-Ftehim jipprovdi għal kwota annwali ta' 1 000 tunnellata metrika ta' ikel tal-klieb jew tal-qtates, imqiegħda għall-bejgħ bl-imnut u li jidħlu fil-kodiċi tan-NM ex 2309 10 11 u għal kwota annwali ta' 5 000 tunnelleta metrika ta' ikel mill-ħut li jidħlu fil-kodiċi tan-NM ex 2309 90 41, bit-tnaqqia ta' l-imposta għal żero; billi dawn il-kwoti annwali għandhom jinfetħu fuq bażi permanenti mis-sena 1992 u għandha ssir dispożizzjoni sabiex jiġu stabbiliti r-regoli operattivi għalihom b'Regolament ta' implimentazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-imposta ta' l-importazzjoni fuq l-ikel tal-klieb jew tal-qtates, imqiegħed għall-bejgħ bl-imnut u li jidħol ġewwa l-kodiċi NM 2309 10 11, u li joriġina u jkun ġej mill-Gżejjer Faeroe, għandha tiġi stabbilità għal ECU 0 kull tunnellata metrika, fil-limitu ta' kwota annwali ta' 1 000 tunnellata metrika għall-kodiċi NM 2309 10 11 u għal 5 000 tunnellata metrika għall-kodiċi NM ex 2309 90 41.

L-Artikolu 2

Ir-regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75 [2].

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regoament għandu jibda tapplika mill-1 ta' Jannar 1992.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-25 ta' Frar 1992.

Għall-Kunsill

Il-President

Vitor MARTINS

[1] ĠU L 371, tal-31.12.1991, p. 1.

[2] ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3653/90 (ĠU L 362, tas-27.12.1990, p. 28).